MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 92/2013

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet, li zzewgu nhar is-26 ta’ Novembru, 1996 u ilhom jghixu mhux flimkien ghal dawn l-ahhar seba’ snin;
2. Illi l-partijiet ghandhom tifel wiehed li jismu Daniel ta’ 17-il sena li jghix mal-esponenti u m’hemmx pendenzi jew litigi fuq manteniment;
3. Illi l-partijiet m’ghandhomx tama li jirrikonciljaw.

Talab sabiex l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall ossija divorzju taz-zwieg bejn il-partijiet.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Frar , 2013;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet kienu diga ghaddew mill-procedura ta' medjazzjoni, gie abbozzat ftehim, izda il-kuntratt qatt ma kien gie iffirmat u ippubblikat;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi il-partijiet ilhom jghixu separati minn xulxin ghal dawn l-ahhar seba' snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------